# Intietef Mostin

J.J. Camilleri B.A., M.A., A.I.E. (Lond.)



***Snin ilu***

1660 – Il-knisja ta' San Pawl Eremit li hemm f'Wied il-Għasel tfakkar il-qaddis li miet 1660 sena ilu.

570 – Twaqqfet il-parroċċa tan-Naxxar li mal-matriċi, il-Mosta damet 172 sena tagħmel parti.

485 – Aktarx inbena l-Palazz ta' Kaspru fil-Mosta.

480 – Tingħad li seħħet il-ġrajja ta' l-Għarusa tal-Mosta.

398 – Il-Mosta nqatgħet min-Naxxar u saret parroċċa, imma stenniet sentejn oħra sa ma miet il-kappillan tan-Naxxar.

335 – Sar kappillan tal-Mosta Ġan Patist Schembri wara l-mewt ta' Karl Schembri.

285 – Twaqqfet fil-Mosta il-Fratellanza taċ-Ċintura.

235 – Miet il-Kappillan Filippu Guljiermu Seychel u laħaq floku Salvu Saver Bonnici.

210 – Twieled fiż-Żejtun il-bennej tar-Rotunda Mastru Anġ Gatt.

205 – Gammari Chetcuti sar il-kmand tar-raħal.

185 – Fiċ-ċensiment li sar il-popolazzjoni tal-Mosta kienet 4866, anqas miċ-ċensiment ta' għaxar snin qabel b'917-il ruħ.

180 – Fil-Mosta infetaħ każin tal-Partit Kostituzzjonali ta' Strickland.

170 – Minn popolazzjoni ta' 3734 ruħ, ġie kkalkulat li xi 50 ruħ biss kienu jafu jaqraw.

155 – Irreżenja mill-kariga l-ewwel surmast ta' l-iskola tas-subien, Dun Tumas Chetcuti.

145 – Grognet għamel it-testment. Minnu nafu li miet fqir.

135 – Saret il-konsagrazzjoni tar-Rotunda.

130 – Miet il-Kappillan Anton Mallia.

120 – Ġie minn Ħaż-Żabbar bħala prokuratur tal-knisja Din Anġ Camilleri. Fi żmienu saru l-aqwa xogħlijiet fir-Rotunda.

Sar kappillan Dun Lawrenz Sciberras.

110 – Laħaq qassis Avertano Fenech, imsemmi għal qdusitu.

100 – Sar il-kisi ta' l-irħam tal-presbiterju.

85 – Walter Salamone elett fl-Assemblea Leġislattiva mal-Partit Konstituzzjonali.

Sar qassis Dun Karm Sciberras li wara sar arċipriet.

Sar il-kisi bl-irħam tal-kor u l-knisja.

Kellhom fil-Mosta dritt għall-vot 416-il raġel.

75 – Il-popolazzjoni tal-Mosta kienet 4866 ruħ.

70 – Dun Salv Sammut waqqaf fil-Mosta l-Azzjoni Kattolika tas-Subien.

60 – Miet E.B. Vella.

55 – Twaqqfu fil-Mosta l-MUSEUM tan-nisa, il-MPFA minn Wyndham Grech.




*Il-monument li jfakkar lil Dun Anġ Camilleri biswit ir-Rotunda*

Iżżanżan id-damask mal-kolonni ġewwa r-Rotunda.
50 – Infetħet fergħa tal-posta fi Triq il-Kungress Ewkaristiku.
45 – Ma baqax joħroġ il-vjatku solenni mill-knisja.
Dun Salv Magro organizza l-fergħa ta' l-Azzjoni Kattolika tan-nisa.
40 – Infetaħ iċ-Ċentru Ċiviku.
Kellhom dritt għall-vot fil-Mosta 4202 persuni.
35 – Il-Każin Nicolò Isouard iċċelebra Ċentinarju mit-twaqqif tiegħu.
Kellhom dritt għall-vot fil-Mosta 4849 persuna.
30 – Kellhom dritt għall-vot fil-Mosta 6306 persuni.
Infetħu l-ġonna 'Reggie Cilia' u 'L-Għarusa tal-Mosta'.
Laurence Gatt, Freddie Micallef u Paul Chetcuti Caruana eletti fil-Parlament.
25 – Dr Carmelo Schembri inħatar prim imħallef.
Dun Bert Bezzina u Dun Salv Sammut inħatru monsinjuri onorarji tal-Katidral. Dun Joe Carabott sar arċipriet tal-Mosta.
Freddie Micallef, il-Perit Laurence Gatt u George Gatt ġew eletti fil-Parlament.
1 – Il-Każin Santa Marija ċċelebra l-mitt sena mit-twaqqif tiegħu.

### *Tagħrif ieħor*

■ 80 sena ilu kellu jibda tiela' t-tieni sular fl-iskola primarja tal-Mosta. Id-Direttur ta' l-Iskejjel Elementari, Dr. Albert V. Laferla, fl-4 ta' Awissu kiteb ittra urġenti lill-Ministru ta' l-Istruzzjoni Pubblika, u għarrfu bil-problema li nħolqot b'dan ix-xogħol. Qallu li jeħtieġ issir xi ħaġa malajr. Fl-ittra ssuġġerixxa li għal ftit taż-żmien jinkera t-Torri Cumbo, propjetà tal-Markiż Testaferrata Bonici.

Ħamest ijiem wara. Laferla, flimkien mal-kapijiet ta' l-iskola, l-Arċipriet u Dun Karm Gauci, marru jaraw dar fi Triq il-Knisja, propjetà ta' Ġużeppi Sammut li kien joqgħod 37, Triq il-Kungress. Din id-dar kienet ġa għamlet xi żmien skola u fl-fehma tad-Direttur kienet biżżejjed biex tintuża għall-*infants* (sitt klassijiet). Kienet, iżda, fi stat ħażin u s-sid ma riedx jagħmel it-tiswijiet meħtieġa. L-anqas ma kien jaf id-Direttur jekk il-*Public Works* kinux lesti jagħmlu t-tisiwjiet. Is-sid talab kera ta' £18 fis-sena.

Marru jaraw ukoll l-Oratorju tal-Bniet fi Triq il-Kbira (Triq Irjali dak iż-żmien). Kienet tesa' 9 klassijiet. Iżda s-sidien ma ridux jikruha jekk mhux għallinqas għal erba' snin. Id-Dipartiment kellu bżonnha għal sena jekk mhux anqas ukoll.

Id-Direttur reġa' kiteb lill-Ministru dwar it-Torri Cumbo. Fil-fehma tiegħu kien spazjuż iżda kellu bżonn tiswijiet u kien hemm nuqqas ta' qbil bejn is-sid u l-kerrej.

Semma' wkoll l-Arċipriet lid-Direttur id-dar kbira fi Triq il-Kungress li kienet għadha kemm ġiet mikrija mis-Sur Riccardo lil-Pulizija. Id-Direttur issuġġerixxa li sakemm jitla' t-tieni sular, jintuża is-sular ta' fuq f'din l-għassa tal-pulizija. L-Arċipriet u Dun Gauci għenu kemm setgħu f'din il-biċċa imma l-Kummissarju tal-Pulizija ma qabilx li f'għassa tal-pulizija, qorti ġudizzjarju u berġa tat-tabib, ikun hemm skola wkoll. Il-Ministru qabel ukoll.

Id-Direttur ma setgħax jistenna' aktar minn nofs ix-xahar ta' wara. Qal lill-Ministru li jekk il-pjan ma jirnexxix żgur li kien sejjer iqum storbju kbir għax il-Mosta, qallu, kien raħal fejn l-edukazzjoni hi ferm apprezzata.

Deher li kien intlaħaq xi ftehim mas-Sur Sammut u li għamel it-tiswijiet. Gerger li kien għadu ma ġiex iffirmat il-ftehim milħuq – li d-dar tinkera minn sena għall-oħra jew għal perjodu itwal. It-talba tas-sid kienet ta' £26 għall-ewwel sena u £18 għas-snin ta' wara. Il-kirjiet tqiesu għoljin, kellhom jaċċettawhom għaliex ma kellhomx alternattiva oħra. Wara ħafna diskussjonijiet bejn il-Ministru, id-Direttur, in-Nutar u t-Teżorier il-ftehim sar fid-29 ta' Marzu 1927. Kull korrispondenza intemmet hawn.